**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI TA' MALTA**
**MAGISTRAT DR GRAZIO MERCIECA**

Seduta ta' nhar il-Gimgha sebgha (7) ta' Lulju 2017
Rikors Numru 527/10 GM

Mark Portelli (ID 419752) ezercjenti fil-kummerc taht l-isem ta' Anvil & Forge
vs
Soren Andreson (ID 582683M)

Il-Qorti:-

Rat ir-rikors promotur ippresentat fl-14 ta' Dicembru 2010 fejn ir-rikorrenti talab lill-Qorti tikkundanna lill-intimat ihallsu is-somma ta' sitt elef, hames mija u hamsa u disghin Euro u tletin centezmu (€6,595.30) rappresentanti bilanc ta' prezz akbar dovut minnu ghal xoghol ta' appalt li twettaq mir-rikorrenti fuq talba ta' l-intimat.

Rat ir-risposta ta' l-intimat illi eccepixxa illi:

1. Preliminarjament, illi l-azzjoni attrici hija preskritta fit-termini tal-Art. 2148(a) tal-Kodici Civili (Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta);
2. Subordinatament, u minghajr pregudizzju ghall-premess, illi l-eccipjenti mhuwiex il-legittimu kontradittur u ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju stante li hu qatt ma kkuntrattaobbligazzjonijiet mal-attur wahdu;
3. Subordinatament, u minghajr pregudizzju ghall-premess, illi l-gudizzju mhuwiex integru stante li mart l-eccipjenti mhijiex parti fil-kawza;
4. Subordinatament , u minghajr pregudizzju ghall-premess, illi t-talbiet attrici ma jimmeritawx li jigu akkolti stante li x-xoghol espletat mill-attur ma sarx skont is-sengha u l-arti u dan kif ser jigi ppruvat ahjar fil-mori tal-kawza;
5. Subordinatament, u minghajr pregudizzju ghall-premess, illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-attur;
6. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat l-affidavit ta' Marco Portelli ippresentat fit 8 ta' Frar 2012 flimkien ma' dokumentazzjoni hemm annessa.

Rat ix-xhieda ta' Daniel Adjwok, impjegat mar-rikorrent, moghtija fis 27 ta' April 2012.

Rat illi fis 27 ta' April 2012 il-Qorti qabbdet lill-Perit Edgar Rossignaud sabiex jaccedi fuq il-post u jirrelata dwar jekk ix-xoghol sarx skond is-sengha u l-arti. Fl-1 ta' Marzu 2013 il-perit ippresenta u halef ir-rapport tieghu. Huwa wieġeb ghal domandi in eskussjoni li sarulu mir-rikorrent.

Semghet ix-xhieda ta' Mark Portelli moghtija fit 28 ta' Marzu 2014.

Rat illi fit 28 ta' Marzu 2014 ir-rikorrent iddikjara illi ma kellux aktar provi x'jippresenta.

Semghet ix-xhieda ta' Soren Andersen moghtija fit 23 ta' Mejju 2014 kif ukoll rat id-dokumenti minnu esebit, ossija il-quote illi kienet inghatalu mir-rikorrent ghax-xoghol meritu tal-kawza odjerna u il-pagament, ossija deposit, illi l-intimat kien ghamel lir-rikorrent.

Semghet il-kontro ezami ta' Mark Portelli moghtija fit 12 ta' Frar 2015.

Semghet il-kontro ezami ta' Soren Andresen moghtija fit 12 ta' Marzu 2015.

Rat illi fit 12 ta' Marzu 2015 il-partijiet iddikjaraw illi ma kellhomx aktar provi x'jippresentaw u ghalhekk il-kawza giet differita ghas-sottomissjonijiet tal-partijiet.

Rat is-sottomissjoni tar-rikorrent ippresentat fl-4 ta' Gunju 2015 u dik tal-intimat ippresentat fl-20 ta' Lulju 2015.

Rat is-sentenza taghha (diversament ippreseduta) tat-8 t'Ottubru 2015;

Rat is-sentenza tal-Onorabbli Qorti tal-Appell tas-7 ta' Frar 2017 li ddikjarat li s-sentenza ta' din il-Qorti ma kien fiha l-ebda motivazzjoni dwar l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni mqajjma mill-intimat u li dan kien bi ksur tal-Artikolu 218 tal-Kap 12, li jirrikjedi li jinghataw ir-ragunijiet li fuqhom il-Qorti tkun ibbazat id-decizjoni taghha u tal-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropeja li tinkludi l-obbligazzjoni li l-qrati jaghtu ragunijiet sufficjenti biex jispjegaw id-decizjoni ghalkemm m'hemmx htiega li jkunu dettaljati. Billi n-nuqqas ta' motivazzjoni

hu difett li jippregudika l-jedd ta' smiegħ xieraq, huwa jsarraf fin-nullita` tas-sentenza. Ghalhekk dik il-Qorti hassret is-sentenza ta' din il-Qorti u baghtitilha l-atti lura;

Rat li b'applikazzjoni tal-Artikolu 11 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, wara astensjoni, il-kawza giet assenjata lill-maġistrat sedenti biex jismaghha hu;

Ikkunsidrat:

Illi t-tieni u t-tielet eccezzjoni huma intimament konnessi ma' xulxin u l-Qorti sejra titrattahom flimkien.

Illi t-tieni eccezzjoni hija guridikament insostenibbli. Jekk l-eccipjenti ma nnegozjax wahdu mar-rikorrent, imma ghamel dan flimkien ma' haddiehor jew ohrajn, ma jfissirx li allura m'hemmx relazzjoni guridika mieghu. Ghalhekk ma jistax jinghad li mhux legittimu kontradittur.

Illi t-tielet eccezzjoni hija bbazata fuq il-presuppost ta' fatt, cjoe` l-eżistenza tal-komunjoni tal-akkwisti bejn l-intimat u martu. Matul it-tressiq tal-provi ma ssemma xejn dwar din l-eccezzjoni. Imbaghad fin-nota ta' sottomissjonijiet l-intimat isostni li n-negozju in kwistjoni kien att t'amministrazzjoni straordinarja tal-komunjoni tal-akkwisti u ghalhekk il-prezenza ta' mart l-intimat kienet mehtiega ghall-integrita` tal-gudizzju, u ghalhekk ir-rikorrent messu talab il-kjamat fil-kawza taghha. L-intimat izda donnu jinsa li *reus excipiendo fit actor*: permezz tal-eccezzjoni tiegħu, il-konvenut isir attur, fis-sens li l-piz tal-prova – dejjem limitatament ghall-eccezzjoni - jdur minn fuq spallejn l-attur ghal fuqu. Dan isehh meta l-konvenut, minflok sempliciment jichad l-azzjoni tal-attur – per ezempju jqanqal l-estinzjoni tad-dritt dedott mill-attur; f'liema kaz il-piz tal-prova jibqa' fuq l-attur - iqanqal fatt gdid biex jiddefendi ruhu. Meta jaghmel hekk, huwa jrid jipprova l-eccezzjoni bl-istess mod li l-attur irid jipprova l-azzjoni tiegħu. F'dan il-każ, il-fatt li fuqu hija msejsa l-eccezzjoni huwa l-komunjoni tal-akkwisti, impoggi mill-intimat bhala **fatt impedittiv** ghall-azzjoni tar-rikorrent u li, bhala tali, imiss lill-konvenut jipprova l-eziztenza taghhom, u mhux lill-attur li jipprova l-assenza taghhom.

Kien jinkombi fuq l-intimat li z-zwieg tieghu huwa soggett ghar-regim tal-komunjoni tal-akkwisti. Haga li facilment seta' ghamel peress li si tratta taz-zwieg tieghu stess. Il-Qorti tara raguni ohra l-ghala l-eccezzjoni m'ghandhiex tregi: il-ftehim dwar il-kuntratt sar qabel iz-zwieg, u mhux waqt iz-zwieg; u

ghalhekk zgur li mhux soggett ghar-regoli tal-amministrazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti. Fl-ahharnett m'hemm l-ebda prova li d-dar fejn sar ix-xoghol tappartjeni wkoll lil mart l-intimat; tabilhaqq l-eccezzjoni tal-intimat (ghallinqas kif spjegata fin-nota ta' sottomissjonijiet) lanqas hija f'dan is-sens. Ghalhekk din l-eccezzjoni wkoll hija legalment insostenibbli minhabba li nieqsa mill-prova mehtiega.

Illi stabbilit li l-intimat huwa l-legittimu kontradittur ghat-talba tar-rikorrent, u li l-gudizzju huwa wieħed integru, imiss li l-Qorti tara jekk l-azzjoni tar-rikorrent gietx estinta bit-trapass taz-zmien; cjoe` jekk gietx preskritta ai termini tal-artikolu 2148(a) tal-Kodiċi Ċivili. M'hemmx dubbju li t-terminu ta' tmintax-il xahar imsemmi fl-imsemmi artikolu ghadda, kif anke ssenjalat l-Onorabbli Qorti tal-Appell fis-sentenza taghha succitata tas-7 ta' Frar 2017. Illi pero` hemm il-kwezit dwar jekk din il-preskrizzjoni hix applikabbli ghall-azzjoni tar-rikorrent. L-artiklu in kwistjoni jirreferi ghal kiri ta' xoghol u industrija, imsejjah fl-Ilsien Taljan *locazione d'opera* u bil-Latin *locatio operarum.* Igifieri meta l-kommittent jikkummissjona x-xoghol ta' haddiem:

"Fil-lokazzjoni ta' xoghol personali… jigi kkunsidrat ix-xoghol stipulat, mill-punto di vista tat-tul tieghu, fil-kwantita` taz-zmien li dak li jkun jahdem ghas-sid, f'kelma waħda taht l-aspett soggettiv".[1] Karatteristika tal-locatio operarum hija l-obbligazzjoni *di fare* (*opus*)[2], cjoe` l-hidma nnifisha u mhux il-prodott ahhari. Il-kaz ikkontemplat fl-**Artikolu 2148(a)** jirreferixxi ghall-azzjonijiet ta' krediti minn artefici jew artiggjani li jipprestaw l-opra taghhom, ossija "ghall- lokazzjoni ta' opra li biha l-persuni fuq enumerati jkunu obbligaw ruhhom li jaghtu x-xoghol taghhom" (**Joseph Mizzi *nomine* -vs- Joseph Delicata *proprio et nomine***, Qorti tal-Kummerc, 14.10.1954);

Illi fil-kaz prezenti, ir-rikorrent qed jitlob il-ħlas ta' bilanċ għal xogħol li għamel fir-residenza tal-intimat f'Marsascala konsistenti f'kisi ta' wiċċ ta' taraġ tal-konkos eżistenti b'folji tal-ħġieġ 20mm mwaħħal fuq frames tal-ħadid li għandhom *neoprene gasket* li żżomm il-ħġieġ b'*suction*, il-kisi tal-waqqafa tat-taraġ, tal-ġenb, tal- landings u tal-i*skirting* b'folji tal-injam Wenge u tqegħid ta' poġġaman tal-*istainless steel* tul it-taraġ u l-*landings*. Huwa car li l-intimat ma keriex sempliciment ix-xoghol tar-rikorrent, imma ftiehem mieghu li jikkostruwilu oggett partikolari, u biex seta'jaghmel dan xtara a riskju tieghu materjal u mpjiega haddiema. Fil-fatt fl-avviz tat-talba jirreferi ghal "appalt". Il-ftehim kien ghalhekk wiehed ta' *locazione di opere* jew appalt

[1] John Andrea Bonnici v Wisq Reverendu Dun Giuseppe Cauchi et noe – Appell Civili, 13 ta' Mejju 1966 ikkwotata fl-*Alfabett tal-Kodi□i □ivili*, tal-Imhallef Emeritu Philip Sciberras, voce *Appalt*

[2] Carmelo Scicluna v Giuseppe Mallia et – Appell Civili, 31 ta' Mejju 1929 ikkwotata fl-*Alfabett tal-Kodi□i □ivili*, tal-Imhallef Emeritu Philip Sciberras, voce *Appalt*

(*locatio operis*); l-obbligazzjoni kienet wahda *di dare* u mhux *di fare.*

Illi ghalhekk il-preskrizzjoni sollevata mhix dik applikabbli ghall-każ prezenti. Il-Qorti izda ma tistax topina liema hi l-preskrizzjoni applikabbli; ghax il-preskrizzjoni *in civilibus* – kuntrarjament ghal *in criminalibus* – tista' titqanqal biss mill-partijiet.

Illi jirrizulta illi hekk kif lesta x-xoghlijiet kollha, l-intimat intebah illi kien hemm certi difetti fix-xoghol illi kien sar. Il-partijiet iltaqghu sabiex jippruvaw isolvu l-kwistjoni izda ma sabux ftehim u ghalhekk il-kawza spiccat giet intavolata kontra l-intimat fl-14 ta' Dicembru 2010. Il-Qorti, fis 27 ta' April 2012, appuntat lill-Perit Edgar Rossignaud sabiex jassistiha fuq l-aspett tekniku, ossija sabiex jistabilixx unikament jekk ix-xoghl sarx skond is-sengha u l-arti. Fit-3 ta' Dicembru 2012, il-Perit Rossignaud ippresenta u halef ir-rapport, li fih ghamel is-segwenti osservazzjonijiet:

"1. Il-pedati tal-hgieg ma humiex imwahhlin bl-ebda mod permanenti mat-tarag talkonkos izda huma biss pogguti. MInhabba f'hekk, huwa facili li dawn il-folji tal-hgieg jersqu waqt li wiehed jkun niezel jew tiela t-tarag, u jekk wiehed jirfes fit-tarf tat-targa, hemm possibbilta' li l-folja tinqata' minn naha ta' wara. Dana jista jikkostitwixxi perikolu serju ghal min ikun qed juza t-tarag, u certament li mhuwiex skond is-sengha u l-arti.

2. Dawn l-istess folji tal-hgieg ghandhom sporgenza l-barra mill-wieqfa tat-tarag li mhijiex konsistenti fit-turgien kollha u dan jitqies bhala difett ghax is-sengha titlob li jkun hemm sporgenza indaqs f'kull targa.

3. Uhud minn dawn il-folji tal-hgieg ghandhom il-kantunieri ta' barra kwadrati u ohrajn, ghal xi raguni, gew ittundjati. Is-sengha titolob konsistenza fid-dettall taddisinn u ma narax raguni ghaliex dawn ma sarux kollha l-istess.

4. Il-poggaman tal-istainless steel mhuwiex rigidu u soggett ghall-caqliq meta wiehed jistrieh mieghu.

5. Hemm nuqqas ta' finishing tajjeb fid-dettall, f'dak li jirrigwarda l-istainless steel edging fil-landing ta' fuq, kif ukoll fi bnadi fejn tieqaf it-tlibbisa bl-injam mal-gemb tattarag."

L-istess Perit Tekniku, fil-konkluzjonjiet tieghu qal is-segwenti: "il-Perit Tekniku hawn inkarigat mill-Onorabbli Qorti, wra li ha kunsiderazzjoni ta' dankollu hawn fuq miktub, jikkonkludi li, ghalkemm l-ezekuzzjoni ta' certi

partijiet tax-xoghol, partikolarment il-fatt li l-pedati tal-hgieg huma soggetti li jinqalghu minn posthom waqt l-uzu, ma jistghux jigu msajjha bhala skond is-sengha u l-arti, mill-banda l-ohra, certu nuqqasijiet, bhal poggaman li mhux imwahhal sew jew finishing madwar it-tlibbisa bl-injam, jistghu facilment jigu rimedjati".

Bi twegiba domandi in eskussjoni lill-Perit Tekniku qal li l-pedati tal-hgieg tqieghdu fuq sistema ta' 'neoprene gasket' li, minnu nniffsu, jorbot il-hgieg, filwaqt illi sahaq illi tali sistema, ghalkemm utilizzata anke f'positjiet pubblici, kif imqieghed seta jwassal sabiex il-pedati jinqalghu, bilkonsegwenzi illi dawna jista jkollhom.

Illi jirrizulta mill-imsemmija relazzjoni peritali illi fix-xoghol illi ghamel ir-rikorrent, kien hemm affarjiet illi ma sarux skond is-sengha u l-arti u ghalhekk illi hemm lok illi l-intimat jigi kkumpensat ta' dan in-nuqqas. Fi kliem l-istess perit tekniku, "il-bicca l-kbira tad-difetti elenkati, jistghu jigu rimedjati, inkuz il-problema li l-pedati huma soggetti li jinqalghu fl-uzu" (fol 53). Il-Qorti tikkunsidra wkoll li minkejja dawn id-difetti, l-intimat zamm ix-xoghol; u m'ghamel l-ebda depozitu tieghu fil-Qorti (imqar formalment). Ghalhekk, il-Qorti, l-istess bhall-Qorti kif precedentement ippreseduta, qieghda tillikwida l-kumpens dovut lill-intimat ghax-xoghol mhux skont is-sengha u l-arti fis-somma ta' €1,360;

Ikkunsidrat:

Illi jirrizulta illi fis 17 ta' Jannar 2008, r-rikorrent hareg stima lill-intimat ghax-xoghlijiet kollha. Kemm ir-rikorrent, (fol 18) kif ukoll l-intimat (fol 65) esebew kopja ta' din l-istima. Fuq l-ebda wahda minnhom m'hemm xi firma tal-partijiet. Iz-zewg stejjem igibu l-istess data (17 ta' Jannar 2008) u juru l-istess prezzijiet ghall-istess 4 partiti ta' xoghol lil kellu jsir. B'danakollu hemm ghadd ta' differenzi. Dik a fol 18 turi t-total tal-prezz tal-4 partiti (€8,335) u zieda ta' €1,500 VAT; kollox *printed.* Dik a fol 65 turi l-prezzijiet tal-partiti bil-Lira Maltija barra milli bl-Euro; sa hawn kollox stampat. Imbaghad, b'kitba bl-id (manuskritt) turi total ta' €8100 (li huwa fil-fatt inqas mit-total tal-4 partiti); deposit ta' €3240, u bilanc ta' €4860. Il-partijiet jaqblu li sar id-depozit imsemmi. L-intimat xehed (mhux kontradett) li l-parti miktuba bl-idejn saret jew mir-rikorrent jew minn mart ir-rikorrent. M'gharafx jispjega l-ghala l-ammont totali kien ta' €8100 u mhux €8,335 u ma jafx jekk inghatax discount (fol 63). Din il-Qorti, kif issa ppreseduta, ma semghetx lill-partijiet jixhdu viva voce, kif kellha l-opportunita` taghmel meta kienet diversament ippreseduta, li fis-sentenza taghha, irrimarkat li:

"Il-Qorti ma ghandha ebda raguni illi tiddubita l-veracita' tad-dokument ippresentat mill-intimat a fol 65 tal-process, u dana anke in vista tal-fatt illi r-rikorrent, illi xehed wara illi gie ippresentat tali dokument, ma ghamel ebda accenn li tali dokument kien falz u li ghalhekk kien qieghed jikkontestah. Tali nuqqas da parte tar-rikorrent jaghti x'jifhem lill-Qorti illi d-dokument huwa wiehed genwin u li ghandu jigi accettat."

Din il-Qorti, kif issa ppreseduta, ma tara l-ebda raguni l-ghala m'ghandhiex taqbel ma' dan ir-ragunament, u zzid li l-fatt li ma sarx kontro-ezami fir-rigward tkompli taghti fidi lill-istima a fol 65. Fejn ma taqbilx din il-Qorti hija dwar ic-cifra ta' €8100 li evidentement hija effett ta' zball fl-aritmetika.

**Decide**

Fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet suesposti, din il-Qorti tghaddi biex taqta' u tiddeciedi l-vertenza billi

1. tichad l-ewwel eccezzjoni,
2. tichad it-tieni, it-tielet u l-hames eccezzjonijiet,
3. tilqa' in parte r-raba' eccezzjoni billi tillikwida s-somma dovuta lir-rikorrent mill-intimat fis-somma komplessiva ta' €3,735, u ghalhekk
4. Tikkundanna lill-intimat ihallas lill-attur is-somma ta' €3,735 bhala bilanc dovut ghax-xoghol ta' appalt illi sar mir-rikorrent fid-dar ta' l-intimat.
5. Spejjez tal-proceduri odjerni u imghax mid-data tas-sentenza sad-data tal-pagament effettiv ikunu pagabbli mill-intimat.

Mag. Grazio Mercieca